MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2006

Numru 1055/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri**
**Spettur Morgan Azzopardi)**

**vs**

**AARON RITCHIE**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Aaron Ritchie 19 years bin Edgar u Janette nee' Rayner imwieled fl-Ingilterra fis-17 ta' Frar, 1984 u li joqghod fil-fond 176, Triq Bormla Rahal Gdid. Detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 77000(L) gie akkuzat:

Talli fit-28 ta' Ottubru, 2003 ghall-habta tat-3.10 ta' filghodu kkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u flus kontanti

minn vettura tal-ghamla Toyota Hi-Ace bin-numru tar-registrazzjoni KBD215 ghad-dannu ta’ Joseph Gravina minn Swieqi u Charles Zammit miz-Zurrieq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ John Gravina minn Swieqi, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta li gew imposti fuqu b’sentenza datata 26 ta’ Novembru, 2001 moghtija mill-Magistrat Dott. A. Micallef Trigona LL.D.

U finalment talli b’hekk sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok MA2 u nnutat li l-imputat Aaron Ritchie iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok, il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni moghtija mill-Ispettur Morgan Azzopardi fis-Seduta tad-19 ta’ Jannar, 2004 fejn dan ix-xhud qal:
“Sur Magistrat, fil-lejl ta’ bejn is-27 u t-28 ta’ Ottubru tas-sena l-ohra kont qieghed “night detail officer” meta ghall-habta tat-tlieta ta’ fil-ghodu konna qieghdin “patrol” gewwa

Rahal il-Gdid, ezattament vicin il-bandli ta' Rahal il-Gdid. X'hin wasalna f'salib it-toroq fejn il-"playing field" ta' Rahal il-Gdid u Pace Grasso, fettilli nhares in-naha tax-xellug – kont qieghed passiggier f'din il-karrozza – u rajt van "Toyota" Numru KBD-215, deherli li kien van kannella, bil-bieba tax-xufier miftuha u kien hemm persuna li kien qieghed dahru lejja liebes "waistcoat" kannella illi kien qieghed mal-bieba. Dan ghalkemm ma harisx lejja, Sur Magistrat, x'hin sema' hoss ta' karrozza ghalaq il-bieba u mexa b'pass daqsxejn mghaggel 'l isfel.

Ahna komplejna nsuqu ftit metri 'l fuq, pero' dak il-hin dahalli suspett illi ma kienx temp li wiehed jilbes "waistcoat", il-persuna rajtha ghalqet il-bieba u dehret li mxiet b'pass mghaggel, bdejt nibza' li kien hemm xi "theft in progress" minn go xi residenza jew stabbiliment. Ghaldaqstant inzilna ftit 'l isfer u pprovajna nsibu lil din il-persuna li rajt.

Fil-fatt din il-persuna sibniha kantuniera u nofs 'l isfel, irrizulta li kien l-imputat, Sur Magistrat, u bdejt inhares lejn waqt li bdejna insuqu mieghu.

Lill-imputat innutajtu kellu wiccu gharqan xraba, kif …… m'hijiex normali li persuna li jkollha karrozza timxi "parallel" maghha f'distanza ta' bejni u bejnek u lanqas biss kien hemm "eye contact", fettilli ninzel u niccekkjah. X'hin inzilt, Sur Magistrat, indunajt illi dan kien proprju l-imputat Aaron Ritchie u kont nafu darb' ohra fuq il-linja ta' xogholi. Staqsejtu x'kien qed jaghmel fejn il-van, u dan cahad mill-ewwel li kien fejn il-van, qalli "Mort nixtri d-"doughnuts" minn wiehed minn stabbiliment Hal-Tarxien.

Jiena tlabtu jigi mieghi fejn il-van, Sur Magistrat. Fil-fatt gie, jigifieri, u x'hin ersaqna lejn il-van rajt illi ghalkemm it-tieqa kienet maghluqa tax-xufier, il-hgiega kienet imkissra. Kien hemm taqlib ta' karti gewwa u l-Ii"slot" fejn tpoggi r-"radio" kienet nieqsa.

Hemmhekk, Sur Magistrat, infurmajt lill-imputat li kien qieghed taht arrest, dahhaltu fil-karrozza u flimkien ma' PC 1547 qbadt torc u bdejt nirrintraccja l-passi illi deherli li

ha l-imputat.  Waqt li ghamilt hekk skoprejt “sub woofer, amplifier”, turnavit ahdar u turnavit ahmar, “cutlery knife” kif ukoll beritta bajda bil-kliem “……” kollha kienu qieghdin imxerrdin taht il-bankina minn fejn ghadda l-akkuzat.

Dawn l-affarijiet, Sur Magistrat, komplew sostnewli s-suspett li kelli jiena, jigifieri.  Fil-fatt infurmajt tad-Distrett u gie fuq il-post u hadt lill-imputat il-“lock-up” ghal aktar stharrig.

Sur Magistrat, qed nesebixxi hames ritratti li qed jigu rispettivament immarkati bhala Dok. AM1 sa Dok. AM5 li huma ritratti ta’ l-affarijiet li jiena sibt taht il-bankina.

Dak il-hin, Sur Magistrat, jien ma rrizultalix ta’ min kienu dawk l-affarijiet, ghalkemm minn investigazzjoni iktar tard irrizulta li kienu ta’ certu Joseph Gravina li kien sid il-van li gie misruq.  Iva, irrizultali li jappartjeni lil Joseph Gravina u misruq, Sur Magistrat, u cjoe’ dak il-van li rajt jiena KBD-215 tal-marka “Toyota” li kellu l-bieba miftuha u hdejh li rajt dan kollu.”

In kontro-ezami l-istess xhud qal:
“Fuq mistoqsija tad-Difiza, Sur Magistrat, lill-imputat jiena ma rajtux ikisser il-hgiega u jiftah il-bieba, pero’ rajtu mal-bieba miftuha, dahru lejja, pero’ angolat lejn l-intern tal-van.  Sur Magistrat, rajtu f’distanza daqs li kieku persuna normali tkun diehla go karrozza.  Sur Magistrat, nispjega illi l-imputat kien f’posizzjoni li oltrepassa l-bieba tal-van waqt li din kienet miftuha.

Sur Magistrat, ghamilna tfittxija, pero’ fuqu ma sibna xejn. Fil-fatt huwa cahad l-involviment tieghu.

Fuq mistoqsija tad-difiza, Sur Magistrat, l-imputat ma kellux “doughnuts”, pero’ nghid ukoll illi ghalkemm jiena ma ccekkjajtx jekk marx jixtri d-“doughnuts”, huwa fatt maghruf li dak l-istabbiliment kien ilu – stabbiliment maghruf gewwa Hal-Tarxien – li …… l-affarijiet kien ilu maghluq.

Fuq mistoqsija tad-difiza, ma nistax nghid, Sur Magistrat, pero' ma vverifikajtx. Nghid illi ma vverifikajtx jekk il-hanut li jbigh id-"doughnuts" kienx miftuh jew le dak il-hin."

In ri-ezami fl-istess Seduta l-istess xhud qal:
"Sur Magistrat, fuq ri-ezami mill-Prosekuzzjoni nghid illi l-persuna kienet daharha lejn il-karozza tal-Pulizija, kienet bil-bieba miftuha qed thares lejn l-intern tal-van u l-posizzjoni taghha kienet 'il gewwa mit-tarf tal-bieba tan-naha tax-xufier u l-bieba tax-xufier kienet miftuha bil-hgiega mkissra.

Nispjega, Sur Magistrat, illi peress li lill-imputat kont ga' sirt nafu fil-linja ta' xogholi f'okkazjoni ohra, deherli li dan kien qieghed wara l-hin, ghalkemm il-hin ezatti fi x'hin kellu jirrinkaza miniex cert fuqu, jidhirli illi kien wara l-hdax ta' fil-ghaxija. Dan kien ukoll kisier kundizzjoni tal-Qorti, biex nghid hekk."

Il-Qorti wkoll taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-Ispettur Carmelo Magri moghtija fis-Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004 fejn dan ix-xhud qal:
"Sur Magistrat, jiena rigward dan il-kaz kont gejt infurmat mill-kollega tieghi l-Ispettur Morgan Azzopardi li kien qabad xi persuna "left handed" tisraq minn go van bin-numru ta' registrazzjoni KBD-215. Jien billi kont qed ninvestiga sensiela ta' serqiet minn dawk in-nahat dhalt ninvestiga l-kaz mas-Sur Azzopardi u kellimt lil Aaron wara li tajnih id-debita twissija.

Aaron, l-imputat, dejjem innega li kellu x'jaqsam ma' din is-serqa, u kif qal tajjeb il-kollega tieghi dan qal li hareg dawk il-hinijiet meta biex imur jixtri d-"doughnuts". Jiena semmejt, jien ghidtlu "Stajt xtrajt, ghamilt bicca hobz id-dar" ghidtlu. Qalli "Ommi ma sajritx u hrigt". Ghidtlu "Inti taf li mhux suppost tohrog dawk il-hinijiet!" Qalli "Iva, naf", qalli "imma kelli l-guh".

Jiena, Sur Magistrat, bdejt nipprova infehemhom l-affarijiet li kellna kontra tieghu u l-piz li jista' jkollu 'l quddiem sa meta jekk xi darba jinstab hati. Qalli "Spettur", qalli "jiena din id-darba, din id-darba "I'll do it my

way". Ghidtlu "Inti taf". Ma sfurzajtux iktar, niftakar kont hadtlu l-istqarrija fil-presenza ta' PC 180 Fabian Aquilina, fejn sarulu diversi mistoqsijiet, dejjem innega u ghazel li ma jiffirmax. Din l-l"statement" qed nesibih bhala Dok. CM1. Qed nesebixxi wkoll il-Fedina Penali ta' l-imputat li qed tigi mmarkata Dok. CM2. Qed nipprezenta kopja ta' sentenza mahruga mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront ta' l-imputat moghtija fit-23 ta' Lulju 2003 mill-Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera u qed tigi mmarkata Dok. CM3 u qed nipprezenta kopja ta' sentenza ohra mill-Magistrat Trigona datata 26 ta' Novembru 2001 fil-konfront ta' l-istess imputat li qed tigi mmarkata Dok. CM4.

B'referenza ghal Dok. CM1 hija, dik hija stqarrija li rrilaxxja l-imputat meta wara li nghata id-debita twissija. Qed naghraf il-firem tieghi kull fejn jiddekorri u dawk ta' PC 180 Fabian Aquilina. L-imputat kien ghazel li ma jiffirmax.

Nixtieq nghid, Sur Magistrat, li fuq rigward id-Dok. CM3 u Dok. CM4, li huma kopji tas-sentenzi, nghid li dawk huma sentenzi fil-konfront ta' l-imputat fil-waqt li jien kont Prosekutur fil-kaz, u qed naghrfu bhala l-istess persuna li hemm f'dan il-kaz."

Il-Qorti tirreferi ukoll ghad-deposizzjoni ta' Charles Zammit moghtija fis-Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004 fejn dan ix-xhud qal:
"Jiena nahdem ma' "G & A" gewwa Hal-Tarxien. Jiena "Deliveryman". Jiena xoghli naghmlu tramite l-uzu ta' van 'registration number" KBD-215. Nghid illi f'xi data ta' Ottubru tas-sena l-ohra, ma niftakarx il-gurnata, jiena kont ipparkjajt il-van, u cjoe' li ghandu 'registration number' KBD-215 gewwa r-Rahal il-Gdid, u dana kien f'xi t-tmienja u nofs ta' fil-ghaxija (8:30 p.m.). Illi t-triq kienet Stivala Street jew xi haga hekk fejn ipparkjajt il-van.

Nghid hemmhekk toqghod in-nanna ta' l-gharusa tieghi. Jien mort ghandha. Nghid jien kont qed nara t-"television" u mbaghad marret ghajni bija u allura bqajt hemm sa 'l ghada. F'xi t-tlieta ta' fil-ghodu (3:00 a.m.) cempilli l-"mobile" tieghi, cempluli l-Pulizija u qaluli biex ninzel barra

fejn kont ipparkjajt il-van. Jiena inzilt u sibt il-hgiega mkissra, u jiena sibt il-hgiega tan-naha tax-xufier, u cjoe' tal-bieba mkissra. Kien hemm ukoll "speaker" u "woofer" nieqes, kien hemm ukoll "amplifier" nieqes, kien hemm ukoll "pouch" ta' kulur iswed li kellu xi cekkijiet go fih nieqes u kien hemm ukoll xi flus f'dana il-"pouch" li kienu madwar erbghin lira (Lm40). Jien il-kartiera tieghi wkoll kienet nieqsa, li kien fiha madwar mija u ghoxrin lira (Lm120). Ukoll din il-kartiera sibtha nieqsa. Jiena kont hallejt dina l-kartiera gon-naha, kont hallejtha gewwa l-bieba tan-naha tax-xufier. Kien hemm ukoll "speakers" zghar tal-marka "Kenwood" li kienu maqlughin pero' thallew fuq is-"seat".

Nghid dak il-hin stess lili l-Pulizija kienu infurmawni li in kwantu ghall-"woofer" u l-"amplifier" dawn kienu diga' sabuhom il-Pulizija. Qaluli ukoll biex jiena nfittex f'ghalqa vicin halli jiena nara jekk nistax insib xi haga mill-affarijiet illi sibt neqsin u fil-fatt nghid illi jiena gewwa l-ghalqa sibt "stereo". Nixtieq nippreciza pero' dan l-"istereo" kont sibtu 'l ghada, korrezzjoni, u cjoe' kont sibtu madwar xi tnax-il siegha wara li kienu infurmawni l-Pulizija biex ninzel isfel hdejn il-van.

Qed nigi muri d-dokument Dok. AM1, li huwa ritratt, u nghid fuq dana r-ritratt qieghed naghraf bhala oggetti li jappartjenu lili huwa l-"amplifier" u l-"woofer". Dwar il-kappell u dawna li jidhru qishom turnaviti dawna ma jappartjenux lili.

Qed nigi muri d-dokument Dok. AM2 u nghid illi l-oggetti li jidhru f'dana r-ritratt ma jappartjenux lili. In kwantu ghal dokument Dok. AM3 nghid dan huwa l-"woofer" li jidher f'dan ir-ritratt u jappartjeni lili. In kwantu ghal Dok. AM4 dan huwa l-"amplifier" u jappartjeni lili. In kwantu ghal Dok. AM5 nghid din il-beritta ma tappartjenix lili li tidher f'dan ir-ritratt."

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' PS 576 John Cefai li fis-Seduta tal-25 ta' Frar, 2004 dan ix-xhud qal:
"Nghid illi fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Ottubru, 2003, u dana ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' fil-ghodu (2:30

a.m.), jien kont qieghed “patrol” flimkien ma’ l-Ispettur Morgan Azzopardi. Konna wara l-knisja ta’ Rahal il-Gdid fid-direzzjoni lejn il-“ground” ta’ “Schreiber”. X’hin gejna fil-kantuniera ta’ l-imsemmi “ground”, l-Ispettur Azzopardi lili gibidli l-attenzjoni li huwa ra bniedem suspettuz qrib van.

Ahna inzilna bil-karozza fid-direzzjoni ta’ dana l-van u minn wara dan il-van jiena mbaghad minn hdejn dana l-van rajt persuna li kienet niezla ‘l isfel, lejn id-direzzjoni tad-“Dockyard”, u sakemm wasalna hdejn din il-persuna rega’ kiser ghal gewwa “side street”. Ahna waqqafnih. Dana deher konfuz. Dan kien ragel. Huwa kellu tip ta’ gakketta ta’ kulur skur fuqu. Deher ukoll gharqan hafna u nghid illi din il-persuna qed naghrafha prezenti fl-Awla bhala l-imputat prezenti.

Nghid li din il-persuna dak il-lejl l-ewwel darba li rajtha kienet miexja minn wara l-van. Nghid kien ilu zmien hafna qabel li kont rajt lil dina l-istess persuna.

Jiena nnotajt li l-bieba tan-naha tax-xufier kienet miftuha. Jiena meta nnotajt lill-imputat miexi ‘l isfel, lejn in-naha tad-“Drydocks”, il-bieba ta’ dana l-van kienet miftuha. Meta mbaghad waqqafna lill-imputat, dan gibnih lura maghna hdejn il-van. Nghid illi nnutajna illi kien hemm il-hgiega tan-naha tax-xufier, u cjoe’ rigwardanti l-bieba tal-hgiega, kienet imkissra. Innutajna wkoll li kien hemm taqlib gewwa l-van. Dana qed nirreferi allura ghaz-zona ta’ fejn ikun hemm ix-xufier u l-passiggier. Inzid nghid li kienet saret tfittxija fl-inhawi u kienu nstabu “speakers”, xi turnavit. Nghid dawn l-oggetti sibthom jiena taht vetturi pparkjati ‘l isfel mill-van.

B’referenza ghar-ritratti li qieghed nigi muri, dokumenti Dok. AM1, Dok. AM2, Dok. AM3, Dok. AM4 u Dok. AM5 nghid illi dawna juru diversi oggetti illi dawn kienu nstabu waqt it-tfittxijiet li ghamilna fl-okkazjoni li semmejt. Xi whud minnhom kont sibthom personalment jiena, u cjoe’ f’dan ir-rigward naghmel referenza ghal Dok. AM2 li nghid illi s-sikkina kif ukoll wiehed mit-turnaviti li ma niftakarx preciz minnhom sibthom personalment jiena.

Dwar l-oggetti l-ohra li jidhru wkoll fir-ritratti l-ohrajn li semmejt dawn nstabu wkoll fil-prezenza tieghi meta kienu qed isiru l-imsemmija tfittxijiet."

Ix-xhud PC 1547 John Debattista fis-Seduta tal-25 ta' Frar, 2004 qal:
"Nghid illi fil-lejl ta' bejn it-23 ta' Ottubru, 2003 u dak ta' l-24 ta' Ottubru, 2003, u dan ghall-habta ta' xi s-saghtejn u nofs ta' filghodu (2:30 a.m.), jien kont qieghed fuq ronda flimkien ma' l-Ispettur Morgan Azzopardi u PS 576 u konna qieghdin fl-akwati ta' wara l-knisja ta' Rahal il-Gdid hdejn il-"gound" ta' "Schreiber". Nghid li f'hin minnhom l-Ispettur Morgan Azzopardi gibidli l-attenzjoni fuq persuna suspettata u qalli biex jien indawwar halli nimxi wara din il-persuna bil-karozza taghna. Jiena kont id-"driver".

Inzid nghid ukoll li l-istess Spettur kien innota li kien hemm van illi kellu l-hgieg imkisser. Ahna mbaghad waqafna ma' din il-persuna. Nixtieq nghid illi din il-persuna kienet miexja 'l boghod mill-van. Nghid illi jiena kif inzilt biex inzomm lil din il-persuna u qbadtu b'idejja innutajt li din il-persuna kien gharqan xraba u din il-persuna hadnih hdejn il-van imsemmi. Nghid illi din il-persuna li qed naghmel referenza ghaliha qed naghrafha bhala l-imputat presenti fl-Awla.

Imbaghad lill-imputat hadnih hdejn il-van u nnotajna li l-van minn gewwa kien kollox maqlugh, u deher li l-van kien sgassat. Nghid illi nnotajt illi l-hgiega tal-bieba tal-passiggier kienet imkissra. Innotajt ukoll illi d-"dashboard" kien maqlugh u kien hemm hafna "wires" maqlughin u kien hemm taqlib.

Nghid dwar meta ahna wasalna hdejn il-van innotajna li kien hemm hgieg imskisser fuq gewwa, li kien imferrex, imkisser gewwa tal-van, innotajna taqlib, id-"dashboard" kien maqlugh, kien hemm ukoll "wires" maqlughin. Nghid illi dwar il-hgieg li kien hemm imkisser kien zgur minn bieba ta' tieqa, pero' nixtieq nghid illi miniex mija fil-mija cert jekk kenitx mill-bieba tax-xufier jew minn tal-passiggier. Nghid li miniex mija fil-mija cert, pero' anki

jekk setghetx dina kenitx ukoll mill-hgiega tal-"windscreen".

Jiena l-ewwel darba li rajt lill-imputat dana kien niezel 'l isfel mill-van u kien dar kantuniera, u cjoe' kien dar l-ewwel kantuniera. Nghid illi jiena ppartecipajt fit-tfittxija u ftit 'l isfel mill-van minn fejn kien ghadda l-imputat sibna beritta, sikkina, zewg turnaviti, "amplifier" u "speaker". Nghid dawn l-oggetti kienu mifruxin taht karrozzi pparkjati fl-istess passagg illi kien ghadda minnu l-imputat.

Qed nigi muri r-ritratti li huma mmarkati minn Dok. AM1 sa Dok. AM5 u nikkonferma li dawna juru d-diversi oggetti li ahna sibna f'dina t-tfittxija."

PS 1067 Mario Spiteri fis-Seduta tal-25 ta' Frar, 2004 qal:
"Qieghed nesebixxi l-Okkorrenza rigwardanti dan il-kaz, li qieghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok. BMS1. Nghid din l-Okkorrenza ghamilta jiena u nikkonferma l-kontenut kollu ta' din l-Okkorrenza.

Jiena kont ikkonstatajt illi l-van in kwistjoni, u cjoe' il-van numru ta' registrazzjoni dan huwa van "Toyota Hi-Ace" bin-numru ta' registrazzjoni KVD-215, nghid dan kont ikkonstatajt li bhala hsara kellu l-hgiega tan-naha tax-xufier kompletament imkissra u kien hemm "wires" mad-"dashboard" maqlughin."

Ghalkemm huwa minnu li mill-fedina penali tal-imputat jemergi l-fatt li l-imputat kien diga' precedentement misjub hati ghal aktar minn darba ta' serq, lanqas ma japplika dak prevvist fl-Artikolu 287 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghax l-imputat ma nstab xejn fil-pussess tieghu meta saret it-tfittxija a tempo vergine fuqu mill-Pulizija li b'xi mod tikkollegah mar-reat ta' serq u dak tar-ricettazzjoni moghtija lilu bhala akkuzi f'din il-kawza. Difatti in kontro-ezami x-xhud l-Ispettur Morgan Azzopardi (Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004), inter alia, qal:
"……, ghamilna tfittxija, pero' fuqu ma sibna xejn."

Il-fatt li l-imputat instab vicin hafna tal-vann registration number KBD-215, ghalkemm hi haga suspettuza, tenut

kont ukoll il-fatt f'liema stat kien il-vann dak il-hin kif deskritt mill-Ispettur Morgan Azzopardi fix-xhieda tieghu tad-19 ta' Jannar, 2004, dan ma jwassalx ghall-konkluzjoni li l-hsara fl-imsemmi van u s-serq minn go l-istess van gew kommessi mill-imputat.

Hawn il-Qorti tirreferi ghad-deposizzjoni ta' PS 576 John Cerai moghtija fis-Seduta tal-25 ta' Frar, 2004 fejn dan, inter alia, qal:
"Inzid nghid li kienet saret tfittxija fl-inhawi u kienu nstabu "speakers", xi turnavit. Nghid dawn l-oggetti sibthom jiena taht vetturi pparkjati 'l isfel mil-van."

Dan ukoll bhala fatt m'huwiex fattur konklussiv li jwassal ghal kolpevolezza tal-imputat anki l-fatt li dan telaq minn hdejn il-van bil-Pulizija ssuq warajh jikkrea dubju dwar kemm seta' dak il-hin l-imputat iddispona mill-oggetti billi qaghad jitfaghhom taht il-karozzi. Certament il-Pulizija kienet f'posizzjoni li kieku l-imputat ghamel hekk kienet setghet tarah. Dwar jekk l-imputat kienx iddispona mill-oggetti qabel ma ratu l-Pulizija dan ikun fil-kamp tas-suppozizzjoni.

L-imputat cahad l-involviment tieghu (ara deposizzjoni tal-Ispettur Morgan Azzopardi in kontro-ezami fis-Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004 a fol. 11 tal-Process kif ukoll ara stqarrija tal-imputat esebita bhala Dok. CM1 u d-deposizzjoni tal-Ispettur Carmelo Magri moghtija fis-Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004 a fol. 14 tal-Process).

Il-Qorti sejra ticcita parti mill-bran tal-istqarrija tal-imputat Dok CM1 u cioe':
"M. X'kont qed taghmel barra f'dak il-hin meta ghandek kundizzjoni mill-Qorti li ma tohrogx mid-dar bejn is-7.00 ta' filghaxija u d-9.00 ta' l-ghada filghodu?
T. Ommi ma sajjrietx u qabadni l-guh u mort nixtri dough nut.
M. Stajt qghadt gewwa u ghamilt bicca hobz xi tghid?
T. Kelli aptit ta' dough nut.
M. Mela mhux hriegt mhux ghax ma sajjritlekx ommok xi tghid?
T. Kelli aptit ta' dough nut."

F'dan ir-rigward ukoll taghmel referenza ghall-kontro-ezami tal-Ispettur Morgan Azzopardi (Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004) fejn dan, inter alia, qal:
"Fuq mistoqsija tad-Difiza, ma nistax nghid, Sur Magistrat, pero' ma vverifikajtx. Nghid illi ma vverifikajtx jekk il-hanut li jbiegh id-"doughnuts" kienx miftuh jew le dak il-hin."

Il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka li l-Prosekuzzjoni naqset li ggib prova konkreta dwar il-hin tal-gheluq tal-imsemmi hanut, liema prova setghet tkun ta' importanza dwar il-veracita' o meno ta' dak li allega l-imputat.

Il-Qorti tixtieq tissottolinea l-fatt li f'dan il-kaz ma jidhirx li saret tfittxija ghall-*fingerprints*, haga li kellha ssir, tenut kont il-fatt tal-oggetti li nstabu fit-triq inkluzi dawk li jidhru bhala tornaviti li x-xhud Charles Zammit fid-deposizzjoni tieghu tad-19 ta' Jannar, 2004 iddikjara li ma jappartjenux lilu u l-istat li kien fih il-van. Difatti tali tfittxija ghall-*fingerprints* kienet tkun fil-kaz ta' rizultat posittiv prova importanti hafna ghall-fini tal-kolpevolezza tal-imputat.

Il-Qorti, fid-dawl tal-provi prodotti u dawk senjatament li gew riportati aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddikjara li hi tal-fehma li tali provi ma jwasslux sal grad rikjest mill-Ligi ghall-sejbien ta' htija fil-konfront tal-imputat u dan rigward l-ewwel tlett akkuzi migjuba kontra l-imputat.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz jissussisti element ta' dubju dwar il-kolpevolezza tal-imputat u liema dubju necessarjament ghandu jmur favur l-imputat. Rigward ir-raba' akkuza li tirrigwarda ksur tal-kundizzjoni tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'Sentenza datata 26 ta' Novembru, 2001 moghtija mill-Magistrat Dott. A. Micallef Trigona LL.D. u l-ahhar akkuza li tirrigwarda r-ricediva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn l-akkuzi ovvjament ma jreggux f'kaz ta' liberazzjoni tal-imputat mill-ewwel tlett akkuzi.

Ghaldaqstant il-Qorti tillibera lill-imputat Aaron Ritchie mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------